Minuti tal-Laqgħa Nru. 29 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar il-Ġimgħa 20 ta' Ottubru 2017 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sra. Denise Cutajar<br>Is-Sur. Kearon Bruno<br>Is-Sur Eric Camilleri<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri<br>Is-Sinjura Lucia Massa<br>Is-Sur. Victor Caruana |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Post Mortem Attivita Jum Ħal Luqa u l-Monument tal-Gwerra
5. Lattrina tal-Bandli
6. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
7. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri qalet li fil-minuti tal-laqgħa ta' qabel ma kienx hemm imniżżel li konna applikajna għall twinning. Is-Segretarju ħa nota ta' dan il-punt.

1.2 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri qalet li ma kienx imdaħħal fil-minuti fuq l-ilment tal-bexx għall Triq il-Kunsill tal-Ewropa.

1.3 Il-minuti kienu ipproponuti mill-Kunsilliera Massa u ssekondati mill-Kunsillier Caruana

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Is-Sindku saqsa lill-Kunsillier Caruana kif konna bqajna fuq it-tabelli li kellhom jinbidlu. Il-Kunsillier Caruana qal li jrid iġib il-lista lis-Segretarju.

2.2 Il-Kunsilliera Massa qalet li d-dawl ta fejn ir-roundabout li hemm maġenb Dawret il-Gudja baqa maqtugħ. Is-Sindku semma li fi Triq Ħal Qormi ukoll kien hemm dik il-problema u kien bagħatilhom email biex jirranġawh.

2.3 Il-Viċi Sindku saqsiet x' ġara fuq il-cleanup li kienet saret. Is-Segretarju qal li din kienet saret fuq żona waħda u huwa kien kellem lil Camila fuq areas oħra li jistgħu jitnaddfu. Hija kienet infurmatu li se terġa issir cleanup day oħra.

2.4 Is-Sindku saqsa kif konna bqajna fuq il-bike rack li kellha ssir fejn hemm l-Airport. Is-Segretarju qal li kien bagħat email lil minn kien għamel it-talba u dan talab biex niltaqgħu miegħu.

2.5 Il-Kunsillier Caruana saqsa kif konna bqajna fuq il-pixxaturi tal-irġiel li kien hemm fil-lattrina billi dawn kellu jsirilhom l-ilma li jbixx biex jaħsilhom. Is-Segretarju semma li kien ġab l-electrician u se jkunu qed ifittxu għall xi fittings apposta. Il-Kunsillier Caruana semma li l-kuntrattur tal-lattrina mhux qed jaħsel il-lattrina u jżommha nadifa. Huwa semma li dan qatt ma ltaqa miegħu u tinsab fi stat ħażin ħafna. Is-Segretarju qallu li huwa kellu jlestielu rapport ta' kif din il-lattrina kienet qed tinżamm.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku qara email fuq Tetra għall Istrina li fiha kienu se jinġabru pakketti tal-ħalib u tal-fruit juice biex dawn ikunu riċiklatti u jingħataw flus għall karità. Huwa qal li din tkun tajba biex nipparteċipaw fiha.

3.2 Il-Viċi Sindku qalet li minn naħatal-Iskola Primarja ta' Ħal Luqa se ssir ukoll inizjattiva li fiha jinġabru flokkijiet użati u dawn jinbidlu f' basktijiet b' risq il-karita. Is-Sindku semma li kienu se jkellmuh fuq din l-inizjattiva.

3.3 Is-Sindku qara email rigward il-konferenza Valletta 2018. Huwa appella biex minn huwa interessat jattendi.

**Il-Kunsillier Bruno wasal għall laqgħa fil-5.55 pm.**

3.4 Is-Sindku ressaq email li kienet ġejja minn naħa tal-GRTU fejn kienu qed jitolbu li jikkonsultaw magħna rigward problemi li jkun hawn minħabba ħatt li jsir mill-vannijiet etc.

3.5 Is-Sindku ressaq applikazzjoni li kien hemm fuq il-Premju Anzjanita Attiva. Huwa semma li jekk hemm xi nomini dawn nsemmuhom. Il-Kunsilliera Massa semmiet lis-Sur. Anthony Pace.

3.6 Is-Sindku qara email li kienet ġejja minn naħa tal-Maltese Olympic Committee fejn nistgħu ninominaw lil xi Għaqda Sportiva li spikkat. Huwa ta l-email lil Kearon biex dan jara x' hemm bżonn isir.

3.7 Is-Sindku semma li fit-28 t' Ottubru kienet se ssir attività ad unur il-Kappillan peress li dan kien se jintbagħat f' Parroċċa oħra. Huwa semma li minn naħa tal-Viċi Kappillan kien bagħat ittra ta' ringrazzjament lill-Kunsill Lokali.

3.8 Is-Sindku tkellem fuq il-Wifi tal-librerija peress li konna irċevejna email biex jekk aħna intressati kien hemm skema apposta. Is-Sindku semma wkoll li meta aħna applikkajna biex ningħataw il-fondi se ningħataw €800 biex jingħataw għall bżonn tal-librerija.

3.9 Is-Sindku qara email fuq attività jisimha Noti Kkuluriti.

3.10 Is-Sindku qara email fuq reċiviment tal-Milied li kien se jsir minn naħa tal-AKL. Dan kien se jsir fit-28 ta' Diċembru. Huwa qal lil dawk il-Kunsilliera interessati biex jattendu biex iħallu nota.

3.11 Is-Sindku qara invit fuq kunċert li kien se jsir minn naħa tal-Aġenzija Appoġġ biex jinġabru fondi.

3.12 Is-Sindku qara programm li kien se jsir fl-okkażżjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal.

3.13 Is-Sindku qara email li kienet ġejja minn naħa tal-MCCF biex dawk il-Kunsilliera li jixtiequ jagħmlu donazzjoni għall karità jistgħu jitolbu lis-Segretarju biex mill-allowance ta' kull xahar tinqatgħalhom €2.33. Huwa appella biex dawk li jixtiequ jagħmlu hekk jgħidu lis-Segretarju.

3.14 Is-Sindku semma li kienet se ssir il-laqgħa tas-Sindki bejn il-15 u s-16 ta' Diċembru. Huwa qal li se jattendi u semma wkoll li din id-darba ġew mistiedna wkoll is-Segretarji Eżekuttivi, kif ukoll il-minority leader li f' dan il-każ huwa l-Kunsillier Victor Caruana.

3.15 Is-Sindku semma li kien hemm email minn naħa tal-Onor. Silvio Parnis fejn bħala parti mill-konsultazzjoni kien qed jitlob pariri minn fost il-Kunsilliera. Huwa qallhom biex min għandu xi ħaġa li jixtieq isemmiha jistgħu jibgħatu lis-Segretarju u ssir email waħda.

3.16 Is-Sindku semma li kien se jsir kors minn naħa tat-TCTC fuq EM citizen fejn jirrigwarda kif persuni anzjani jistgħu jużaw it-teknoloġija.

**Il-Kunsilliera Massa talbet biex tiġi skużata fis-6.15 pm**.

3.17 Il-Kunsillier Caruana semma li l-lampa ta' quddiem Lorenza Bazaar kellha s-shade imtappan u kien hemm bżonn li dan jinbidel. Huwa semma wkoll li kantuniera fejn hemm Andre tal-Computer Bargains hemm ħafna dlam u hemm bżonn li ssir lampa.

3.18 Il-Kunsilliera Massa qalet li kien hemm lampa fi Triq Santa Marija kantuniera ma Triq San Ġużepp li kienet mitfija.

3.19 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri saqsiet jekk nistgħux norganiżżaw trasport għall dawk l-anzjani li jattendu d-Daycentre. Is-Sindku qallha li din l-idea kien diġà għamel riċerka fuqha imma kien sab li ma tkunx vjabbli peress li ma kienx hemm biżżejjed anzjani li lesti jużaw it-trasport u għalhekk il-Kunsill jidħol fi spejjeż għall ftit minn nies.

3.20 Il-Viċi Sindku semmiet li fi Triq Indri Micallef hemm rampa li kien jeħtieġ naraw hijiex illegali peress li kienet fuq il-bankina. Is-Sindku qallha li huwa diġà ra fuqha u sab li din ir-rampa kienet ilha hemm u ma setgħetx issir mod ieħor.

3.21 Il-Viċi Sindku semmiet li kien hemm tifla li qed tattendi għaż Zumba u kienet qed iġġib ruħha ħażin. Is-Sindku qal biex inkellmu lil ġenituri tagħha u nwissuhom li din tista titkeċċa.

## 4.0 POST MORTEM ATTIVITA JUM ĦAL LUQA U L-MONUMENT TAL-GWERRA

4.1 Is-Sindku semma li l-attivita li kienet saret ta' Jum Ħal Luqa kienet tajba, kienet qasira u setgħet tinftiehem mingħajr ma jiddejjaq il-pubbliku.

4.2 Il-Kunsillier Caruana semma li setgħet saret bibita żgħira wara l-attivita. Is-Sindku qal li din ma kinitx tkun tajba skont it-tema li kellna.

4.3 Is-Sindku semma li minn naħa tiegħu kien stieden lill-membri parlamentari taż-żewġ naħat u bagħat inviti irreġistrati. Huwa qal li dawn fil-maġġoranza lanqas bagħatu jinfurmaw lill-Kunsill Lokali x' kien beħsiebhom jagħmlu.

## 5.0 LATTRINA TAL-BANDLI

5.1 Is-Sindku semma li hawnhekk ix-xogħol kien miexi b' rata tajba u dak tal-bini kien lest. Huwa semma li dawn ix-xogħolijiet kienu maqsuma bejn dak tal-bini u dak tal-finishing. Is-Sindku semma li l-orħos offerent rigward il-finishing kien ġie ikkuntattjat u ntalab iġib xi dokumenti meħtieġa imma dan naqas u lanqas osserva t-termini. Is-Sindku qal li dan kien ingħata deadline u għalhekk morna fuq it-tieni offerent.

5.2 Is-Sindku semma li s-Segretarju kien infurmah li qed jissuspetta li hemm xi assoċjazzjoni bejn it-tieni offerent u dak li kellu l-orħos offerta u għalhekk talbu biex jistħarreġ u jitlob linji gwida minn naħa tad-Dipartiment tal-Kuntratti. Huwa semma li kif ikollna risposta nimxu minn hemm.

## 6.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

6.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet rigward il-ħlasijiet.

## 7.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa tal-Kunsill ġiet fi tmiemha nhar l-Ġimgħa 20 t' Ottubru 2017 fis-6.34 pm. Kien hemm proposta l-Ġimgħa 17 ta' Novembru biex issir il-laqgħa.

Konfermati llum _______________________2017.

_____________________ John Schembri, Sindku

_____________________ Michael Portelli, Segretarju Eżekuttiv